DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/1787

tad-19 ta' Novembru 2018

li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2010 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/96/PESK ([1]), li tistabbilixxi missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja.

(2) Fit-12 ta' Diċembru 2016 id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2239 ([2]) emendat id-Deċiżjoni 2010/96/PESK u estendiet il-missjoni sal-31 ta' Diċembru 2018.

(3) Wara rieżami strateġiku tal-missjoni, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-missjoni jiġi estiż b'sentejn.

(4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/96/PESK tiġi emendata skont dan.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Id-Danimarka ma tieħux sehem fl-implimentazzjoni ta' din d-Deċiżjoni u għaldaqstant ma tikkontribwixxix għall-finanzjament ta' din il-missjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/96/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Sabiex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-missjoni militari tal-UE għandha tiġi skjerata fis-Somalja sabiex tindirizza kemm ir-rafforzament istituzzjonali fis-settur tad-difiża permezz ta' konsulenza strateġika kif ukoll l-appoġġ dirett lill-Armata Nazzjonali Somala permezz ta' taħriġ, konsulenza u gwida. Mill-2019 'il quddiem, il-missjoni militari tal-UE għandha, b'mod partikolari, tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' taħriġ proprja tal-Armata Nazzjonali tas-Somalja bil-ħsieb tat-trasferiment tal-attivitajiet ta' taħriġ għall-unitajiet tattiċi ladarba jiġu ssodisfati il-kondizzjonijiet neċessarji; hija għandha tkun ta' gwida għat-taħriġ proprju tas-Somalja u pprovdut mis-Somalja. Il-missjoni militari tal-UE għandha tkun ukoll lesta tipprovdi appoġġ, skont il-mezzi u l-kapaċitajiet tagħha, lil atturi oħra tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-mandati rispettivi tagħhom fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża fis-Somalja.";

(2) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-missjoni militari tal-UE għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ta' EUR 22 980 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 għandu jkun ta' 0 % u l-perċentwal imsemmi fl-Artikolu 34(3) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 0 %.";

(3) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-mandat tal-missjoni militari tal-UE għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2239 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 16).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Novembru 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI